# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino**
**(Spettur John Spiteri)**

**vs**

**Martin Cassar**

**Kumpilazzjoni Numru:** 145/16

**Illum, is-sebgha (7) ta' April 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Martin Cassar, detentur tal-karta tal-identità numru 231780M akkuzat talli nhar id-9 ta' Gunju 2015 filghodu gewwa Birzebbuga:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti kif ukoll gojjellerija ghad-detriment ta' Carmela Peden u/jew persuni ohra; liema serq hu kkwalifikat bil-valur (li jiskorri €2329.37), bil-vjolenza, bil-mezz u bil-lok;

2. Bla ordni skond il-ligi arresta, zamm jew issekwestra lil persuna anzjana jew adult dipendenti u cioe lil Carmela Peden kontra l-volontà taghha jew b'xi mod irrestringa jew ostakola l-moviment liberu u access mhux ostakolat tal-istess Carmen Peden;

3. Rrenda ruhu recidiv permezz ta' diversi sentenzi mghotija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi ai termini tal-art. 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat illi dawn il-proceduri iddilungaw inutilment stante li l-imputat ghamel diversi seduti ma jitfaccax u ghalhekk dan id-dilungar huwa unikament tort tieghu;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn (2) ta' Marzu elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija kontra l-imputat u cioè:-

- Fl-artikoli 261(a)(b)(c)(e); 262(1)(a)(b)(2); 263(a)(b); 264(1)(2); 265; 266(1)(2); 267, 269(g), 275, 276A, 277(b), 278, 279, 280(2) u 281(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 257E(1)(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li gew moqrija dawn l-Artikoli lill-imputat, huwa ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat kopja awtentika tal-*proces verbal* redatt mill-Magistrat Aaron Bugeja fejn kien innomina diversi esperti sabiex jassistuh;

**IKKUNSIDRAT**

Illi mix-xhieda tal-**Ispettur John Spiteri** fejn ikkonferma li kien qed imexxi investigazzjoni fuq serqa tas-Sliema wkoll fuq persuna anzjana fejn kellu informazzjoni li l-mohh wara din kienu Martin Cassar u Donna Sciberras. Donna Sciberras irrakkontatlu tikbi li hi ma kinitx involuta fis-serqa ta' tas-Sliema izda f'dik ta' Birzebbuga xi xahar u nofs qabel u cioè f'xi Mejju 2015 liema serqa kienet giet investigata mill-Ispettur Saviour Baldacchino. Din spjegatlu li ommha kienet qed taghmel xi xoghol ta' fattiga ghand certu wahda Carmen Peden minn Birzebbuga u kienet qaltilha li din kellha hafna

flus u ghalhekk hi, l-gharus taghha Andrea Busuttil u Martin Cassar kienu ddecidew li jisirquha u ghalhekk darba minnhom wara li ghamlu lejl barra cemplet lil ommha u staqsietha jekk Peden kinitx id-dar u hija kienet qaltilha iva u li jistghu jidhlu. Tghid illi huma dahlu mghammdin u hemmhekk kienu serqu diversi oggetti, flus kontanti kif ukoll xi deheb. Tispjega li dahlu billi habbtu l-bieb tad-dar, hemmhekk fethitilhom Carmen Peden fejn xi hadd mill-irgiel kien imbuttaha u bdew jghajtu biex ittihom il-flus. Tghid illi wara li hadu xi flus Martin ma kienx kuntent u beda jaghti fuq l-ghamara u jiftahhom sabiex isib xi flus ohra u meta dan ma sabx kif kienu hergin dan imbotta lill-mara u hatfilha gizirana tad-deheb li kellha fuq ghonqha.

Ix-xhud jghid li jaf li Martin Cassar gie arrestat u saritlu tfittxija d-dar tieghu fejn hemmhekk instabu diversi oggetti fosthom *mobile phone* fejn fih instabu diversi messaggi minn Donna Sciberras biex itiha aktar flus peress li skont hi kienet hadet sehem anqas u hu jghidilha li ma kellux aktar.

<u>L-Ispettur Saviour Baldacchino</u> xehed illi fid-9 ta' Gunju 2015 ghal habta tas-sitta u kwart ta' filghodu (6:15 a.m.) fl-ghassa ta' Birzebbuga rraportat certa Giacinta Polidano li qalet li kienet ghadha kemm sehhet serqa gewwa 68, Triq Alessandru a dannu ta' Carmen Peden ta' tnejn u disghin sena (92). Meta marru fuq il-post id-derubata qaltilhom li kienu dahlulha tlett irgiel wara li kienu habbtu l-bieb u li stqasewha ghall-flus fejn din indikat li kienu serqula bejn mitejn (200) u erba' mitt ewro (€400) kif ukoll kissru xi ghamara. Hi kienet f'xokk kbir.

Jghid ukoll illi Giacinta Polidano kienet tkellment ma' certa Josephine Pisani fejn din kienet qaltilha li ftit qabel is-serqa kienet ghaddejja fit-triq inkwistjoni u kienet rat tliet (3) persuni bil-hoodie u liebsin skur ghaddejjin minn hemm.

Jghid illi din Josephine Pisani tigi omm Donna Sciberras illi wara li din giet ukoll arrestata kienet spjegat illi vera li kienet tahdem ma' Peden izda li din kienet waqfitha. Jghid illi a kuntrarju li kienet qaltilhom Peden fuq il-valur tal-flus derubati, Donna Sciberras

kienet qaltilhom li dawn kienu serqulha xi hamest elef ewro (€5,000) u li s-sehem taghha kien biss ta' elf ewro (€1,000).

Finalment l-Ispettur esebixxa serje ta' sentenzi fil-konfront tal-imputat u li gew immarkati bhala Dok. SB7[1] u SB8[2].

Minn kontroezami tax-xhud mid-difiza rrizulta illi mil-lifters mehuda mill-ufficjali tal-forensika ma gew riskontrati l-ebda marki tas-swaba li jikkombacjaw ma' dawk tal-imputat. Ix-xhud ikompli billi jghid illi sija Donna Sciberras kif ukoll Andrea Busuttil jirreferu ghall-imputat bhala «Il-Bloqq».

Semghet bil-gurament lil **Donna Sciberras** fejn din wara hafna tlaqliq u li ma tiftakarx xehdet illi fis-serqa ta' Birzebbuga kienu hi, Andrea Busuttil u Martin li gharfitu fl-awla bhala l-imputat. Tghid illi dak kollu li hadu minn hemm qasmuh bejn tlieta imma ma kinitx tiftakar jekk hux sehem indaqs. Tghid illi minhabba din is-serqa fuq din il-mara hija kienet wehlet tliet (3) snin habs. Fuq

[1] Pulizija v. Martin Cassar deciza mill-Mag A. Micallef Trigona fit-2 ta' Lulju 2004.
[2] Pulizija v. Martin Cassar deciza mill-Mag. A. Mizzi fit-23 ta' Settembru 2009.

il-*modus operandi* hija tghid illi dawn habbtu l-bieb ta' din l-anzjana u fethitilhom u l-flus minn hemmhekk hadhom Martin li kienu f'kexxun. Hi kkonfermat illi lil ommha kienet tistaqsiha fuq din il-mara anzjana bit-tir li kienet eventwalment ser tigi misruqa minnhom.

Hija tghid ukoll illi Birzebbuga kienu marru bil-karozza ta' Andrea li kienet Rav4 u lura wasslu lil Martin Birkirkara. Fuq l-ammont ma kinitx tiftakar ezattament kemm hadu izda tiftakar illi Martin kien qed jghodd il-flus fil-karozza. Tikkonferma illi bejnha u Martin kien hemm xi messaggi fuq il-mobajl.

Xehed l-espert nominat fl-inkjesta Magisterjali **<u>PS637 Kevin Manicolo</u>** fejn dan kellu l-irwol illi jeleva fingerprints minn fuq ix-xena u ghal dan il-ghanipprezenta rapport li gie mmarkat bhala Dok. KM1.[3]

[3] Folio 105 et seq. – 15 BER 301 Impronti elevati minn fuq booklet gewwa il-main bedroom.

Espert iehor **PC405 Jason Schembri** kellu l-inkarigu li jigbed ritratti tal-post u pprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. JS1.[4] F'dawn ir-ritratti jidher tqallib tul id-dar kollha fosthom sgassar fi kxaxen fil-kamra tas-sodda.

Semghet lid-Deputat Registratur **Alexia Attard** li pprezentat bil-gurament ix-xhieda ta' **Carmen Peden**[5] li kienet ittiehdet minn espert nominat fil-kumpilazzjoni bl-ismijiet Il-Pulizija v. Andrea Busuttil datata 27 ta' Marzu 2017 fejn prattikament ix-xhud ma ftakret xejn minn dak li kien gara ghaliex din kienet mara anzjana hafna. Kulma ftakret illi l-malviventi kienu dahlu fuqha u li weggghuha u bdiet tibza' u tirtoghod. Ikkonfermat li hadulha xi flus li kienu fil-kexxun fil-kamra tas-sodda taghha izda ma tiftakarx kemm hadu.

Illi l-istess espert hekk nominat hadet ukoll ix-xhieda ta' **Josephine Pisani** li din ukoll ma setghetx tattendi l-Qorti minhabba mard. Din ix-xhieda ttiehdet fis-7 ta' Marzu 2018[6] fejn ix-xhud ikkonfermat

[4] Folio 114 – 128.
[5] Dok. AMB1 – folio 188 – 189.
[6] Dok. AMB2 – folio 192 – 193.

li tigi omm Donna Sciberras u li kienet wehlet Probation minhabba din is-serqa ghaliex hija kienet tmur tahsel fid-dar tal-anzjana fejn Donna marret tisraq. Tghid illi peress li oht Donna kienet tmur maghha meta tahsel, hija kienet imbaghad tmur tghid kollox lil ohtha Donna. Tikkonferma li dakinhar filghodu kienet rat tliet persuni mghammdin jaharbu mill-inhawi.

Finalment semghet ix-xhieda ta' **Eunice Grech Fiorini** ghar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali li kkonfermat li miz-zewg sentenzi esebiti mill-prosekuzzjoni minhabba l-addebitu tar-recidiva ma kienx hemm appelli.

## IKKUNSIDRAT

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-prochediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li*

*trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **<u>Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik*

*ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Madankollu skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet <u>**Pulizija vs Cyrus Engerer**</u> (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

> *"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

Illi jinghad illi f'dawn il-proceduri ghandha sitwazzjoni fejn il-vittma ossija Carmela Peden hija mara anzjana hafna illi

sfortunatament setghet tghid ftit li xejn fuq is-serqa. Kulma emerga huwa illi kmieni filghodu giet imqajma minn tahbita fuq il-bieb tad-dar taghha u malli marret tiftah sabet tliet individwi quddiem wiccha. Issa fuq l-identità ta’ dawn it-tliet persuni din tghid li ma rathomx bix-xokk li kellha izda tghid illi kienu rgiel u li serqulha xi ammont ta’ flus li lanqas ma setghet taghti ammont preciz.

Minn naha l-ohra hemm it-testimonjanza ta’ Donna Sciberras fejn din tikkonferma kemm-il darba illi s-serqa ta’ Birzebbuga kienet organizzata mill-imputat maghruf bhala «Il-Bloqq», hi u Andrea Busuttil. Illi din il-verzjoni qatt ma giet imxejjna tul dawn il-proceduri u ghalkemm it-testimonjanza taghha quddiem din il-Qorti bdiet bi ftit intoppi wara regghet ikkonfermat kollox. Illi importanti li jigi nnotat illi Donna Sciberras giet issentenzjata li assocjat ruhha f’din is-serqa. Illi Andrea Busuttil ma xehedx f’dawn il-proceduri stante li l-kawza tieghu kienet ghadha ghaddejja.

Imbaghad hemm it-testimonjanza ta’ omm Donna Sciberras u cioè Josephine Pisani li din ukoll kienet giet issentenzjata fuq dan il-kaz

u ghalkemm ma tinkriminax lil bintha bhala li attwalment ikkonnettiet is-serqa, però ssemmi hafna fatti li jikkonfermaw dak li kienet qalet bintha qabilha. Fosthom illi hija riedet tkun taf hafna affarijiet fuq l-anzjana Carmela Peden u dan a rigward kemm kien ikollha flus u jekk kinitx hemm dakinhar.

Illi dwar is-serqa *per se* ghalkemm ma jidhirx li gew riskontrati xi impronti digitali li setghu jaghtu dawl tad-derubati, dan jista' jfisser li kienu lebsin xi ngwanti. Illi dak li hu cert hu li l-persuni kienu tlieta (3) u ghalkemm l-anzjana ssemmi li dawn kienu irgiel, din setghet facilment tkun indotta li tahseb li dawn kienu kollha rgiel peress li wiehed minnhom biss kien tkellem[7]. Fattur iehor li forsi l-anzjana hasbet li kienu rgiel hu li dawn kienu mghammdin b'hoodie hekk kif hareg mill-verzjoni ta' Giacinta Polidano li rrappurtat li rat tliet persuni liebsin skur bil-hoodie fl-inhawi tar-residenza ta' Peden. Illi b'dan però ma harigx b'mod inekwivoku ta' x'kienu liebsin dawn il-persuni u ghaldaqstant ma tistax tigi applikata l-aggravju tal-mezz hekk kif kontemplat bl-Artikolu 263 li jghid is-segwenti:

[7] Din skond il-verzjoni moghtija minn Donna Sciberras.

*"Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz" -*

*(a) meta jsir bi ksur ta' gewwa jew ta' barra, b'imfietah foloz, jew bi skalata;*

*(b) meta l-halliel jizbogh wiccu, jew jilbes maskra jew ghata ohra tal-wicc, **jew jaghmel xi tibdil iehor fl-ilbies jew fis-sura**, jew meta, sabiex jaghmel is-serq, jiehu t-titolu jew il-libsa ta' ufficjal civili jew militari, jew jippretendi li ghandu ordni mahrug minn awtorità pubblika li jkun falz, ukoll jekk dawn il-mezzi qarrieqa ma jkunux fil-fatt swew biex ighinu s-serq, jew biex ma jikxfux il-ħalliel."* (emfazi mizjud)

Illi a rigward l-ammont misruq jinghad li hemm zewg verzjonijiet ta' kemm seta' kien dan l-ammont. Illi Carmela Peden a *tempo vergine* kienet stqarret illi dawn kienu serqulha bejn mitejn ewro (€200) u erba' mitt ewro (€400) izda Donna Sciberras kienet semmiet is-somma ta' xi hamest elef ewro (€5,000). Ghaldaqstant din is-serqa hija certament aggravata bil-valur taht l-Artikolu 267 izda peress illi l-valur huwa ncert ser tigi applikata l-aktar

dispozizzjoni favorevoli ghall-imputat u cioè dik taht l-Artikolu 279(a) tal-Kapitolu 9.

Illi fuq l-aggravju tal-vjolenza jinghad illi stante li hareg illi l-malviventi kienu tlieta (3) din hija bizzejjed sabiex dan l-aggravju jissussisti u dan ghaliex l-Artikolu 262(1) jistipula s-segwenti:

*"(1) Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"vjolenza" -*

*(a) meta jsir flimkien ma' omicidju, ma' offiza fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, jew ma' theddid, bil-miktub jew bil-fomm, ta' omicidju, jew ta' offiza fuq il-persuna jew ta' hsara fil-proprjetà;*

*(b) meta l-halliel jipprezenta ruhu armat, **jew meta l-hallelin, ghad li ma jkunux armati, jipprezentaw ruhhom izjed minn tnejn**;*

*(c) meta wiehed li jkun qieghed jiggerra mal-kampanja, armat b'armi regulari, jew li jkun jaghmel sehem minn gemgħa ta' nies migbura flimkien fis-sens tal-artikolu 63, b'talba bil-miktub jew bil-fomm, maghmula minnu nnifsu jew permezz ta' persuna ohra, igieghel li jigu moghtija lilu*

*hwejjeg haddiehor, ghad illi t-talba ssir minghajr ebda theddid."*

Illi a rigward l-aggravju tal-lok l-Artikolu 269 jistabbilixxi illi:

*"Huwa ikkwalifikat bil-"lok" is-serq li jsir –*

*(a) f'lok pubbliku li qieghed ghall-qima t'Alla;*

*(b) fl-awli li fihom il-qorti toqghod u waqt is-seduta tal-qorti;*

*(c) fi triq pubblika fil-kampanja, 'il barra mill-abitat;*

*(d) f'mahzen jew f'tarznar tal-Gvern, jew f'lok iehor ta'depozitu jew ta' rahan li qieghed ghall-kumdità tal-pubbliku;*

*(e) fuq bastiment jew bicca ohra ta' fuq il-baħar li jkunu rmiggati;*

*(f) fil-habs jew f'lok iehor ta' kustodja jew ta' piena;*

***(g) f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li taghmel maghha.**(emfazi mizjud)*

Illi m'hemmx dubju li din is-serqa saret f'dar t'abitazzjoni u allura d-dispozittiv (g) tal-Artikolu 269 ghandu japplika.

Illi a rigward is-sekwestru tal-persuna din il-Qorti ghandha tirrimarka illi ghalkemm l-anzjana[8] ma gietx fizikament restritta mill-libertà taghha b'mod dirett, tenut kont tal-età avanzata taghha u tenut kont illi din sabet ma' wiccha tliet persuni li dahlu fid-dar taghha minghajr il-volontà taghha, din ghandha titqies li l-libertà taghha b'xi mod kienet ostakolata. Illi prova ta' dan hi x-xhieda taghha fejn tghid illi din tant kienet ixxukkjata li l-anqas biss setghet tara min kellha quddiemha. Illi di più hareg car illi l-anzjana giet imbuttata fuq is-sodda taghha mill-imputat hekk kif xehdet Donna Sciberras. Ghal dan il-ghan qed jigi kkwotat l-Artikolu 257E(1) u l-parti rilevanti qed tigi emfasizzata:

> *"257E. (1) Kull min, bla ordni skont il-ligi, jarresta, izomm jew jissekwestra lil* ***xi persuna anzjana*** *jew adult dipendenti* ***kontra l-volontà ta' dik il-persuna jew adult, jew b'xi mod jirrestringi jew jostakola l-moviment liberu u access mhux***

[8] Certifikat tat-twelid tal-anzjana Carmela Peden gie pprezentat u mmarkat bhala Dok JS1 a folio 78 tal-process u juri li din twieldet fis-sena 1923.

*__ostakolat ta' persuna anzjana__ jew ta' adult dipendenti jehel, meta jinsab hati l-piena ta'prigunerija minn tmintax-il xahar sa erba' snin.*

*(2) Meta l-imgiba mfissra fis-subartikolu (1) tkun twettqet bl-uzu tal-vjolenza, forza, tixhim, qerq, ingann, jew billi juri haga b'ohra, __pressjoni mhux kif imiss jew xi mgiba ohra illegali__ jew bit-theddid ta' agir bhal dan, il-piena ghandha tizdied b'zewg gradi jew tliet gradi."*

A rigward l-addebitu tar-recidiva, il-prosekuzzjoni ressqet diversi sentenzi li juru dan il-fatt li dawn is-sentenzi gew konfermati a rigward l-effettività taghhom u ghaldaqstant dan l-addebitu jissussisti u flimkien mal-fedina penali tal-imputat li hija wahda pjuttost voluminuza, din il-Qorti ser timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31, 49, 50, 261(a)(c)(e); 262(1)(a)(b)(2); 267, 269(g), 279(a), 280(2) u 281(c) u 257E(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Martin**

**Cassar** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal tliet (3) snin prigunerija effettivi.

Inoltre u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez peritali naxxenti mill-Inkjesta Magisterjali li tali somma tammonta ghal mija u sitt ewro u erbghin centezmu (€106.40c).

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**